# L-Arċisqof Pietru Pace li kiseb li l-Festa ta' San Publju tkun ta' "Prima Klassi"

*Kitba tal-Kanonku Dun Ġużepp Grech Cremona*



L-Arċisqof Pace twieled il-Belt Vittorja fid-9 t'April 1833. Studja Ruma u sar saċerdot fil-1857. L-Arċisqof Gaetano Pace Forno, li bħalu kien mill-Belt Vittorja, ħatru Kanonku tal-Katidral ta' Malta. Kien ukoll professur tal-Iskrittura fis-Seminarju, u tat-Teoloġija Morali fl-Università ta' Malta. Fil-1864, il-Papa Beatu, Piju IX ħatru Vigarju Ġenerali tal-ewwel Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Mikiel Buttigieg, u fl-1879, wara l-mewt tal-Isqof Anton Grech Delicata, laħaq Isqof ta' Għawdex.

Imma fl-1889 laħaq Isqof ta' Malta u Arċisqof titulari ta' Rodi. Wara ż-żjara tal-Kardinal Michael Loque, Arċisqof ta' Armagh u Primat tal-Irlanda, li rrikmanda t-talba tiegħu, bid-digriet tat-13 ta' Jannar, 1896, l-Arċisqof Pace kiseb mingħand il-Papa Ljun XIII, li l-festa ta' San Publju tkun ta' "Prima Klassi" għad-djoċesi kollha ta' Malta, u taħt il-ħarsien tiegħu bħala Isqof ta' Malta, sar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913, taħt il-Legat tal-Papa San Piju X, il-Kardinal Domenico Ferrata.

L-Arċisqof Pace miet fil-Belt Vittorja fl-istess dar li fiha kien twieled 81 sena qabel u jinsab midfun fil-Katidral ta' Għawdex fejn insibu l-monument tiegħu fil-Kappella ta' San Ġużepp. It-triq li fiha tinsab id-dar li fiha twieled issemmiet għalih: Triq l-Arċisqof Pietru Pace, u fis-sagristija tal-Parroċċa tagħna nilmħu kwadru sabiħ tal-Arċisqof Pace, u d-digriet tat-13 ta' Jannar, 1896, maqlub bil-Malti huwa dan:

**Djoċesi ta' Malta**

Ir-Rev. Monsinjur Pietru Pace, Arċisqof - Isqof ta' Malta, biex jissodisfa x-xewqa tal-Kleru u l-poplu tad-djoċesi tiegħu, talab lill-Qdusija tiegħu, il-Papa Ljun XIII, b'ħeġġa l-iktar kbira, li l-festa ta' San Publju, li l-Maltin iqimuh b'devozzjoni u tjieba mill-ikbar, bħala l-Kumpajzan, il-Kompatrun, u l-ewwel Isqof tagħhom, tiġi mgħollija mill-grad ta' "sekonda klassi", għal dak ta' "prima klassi" għad-Djoċesi kollha tiegħu, u l-Qdusija tiegħu kif nista' nixhed jien hawn taħt iffirmat, bħala Prefett tal-Kongregazzjoni tar-Riti, laqa' bil-qalb it-talba u x-xewqa li l-imsemmija festa ta' San Publju, Isqof Martri, għall-Belt u d-Djoċesi ta' Malta togħla mill-grad ta' "Sekonda klassi" għal dak ta' "prima klassi" mingħajr Ottava. Skont ir-Rubriki, minkejja kulma jista' jinqala' kontra tagħha.

It-13 ta' Jannar, 1896

Kardinal Gaetano Aloisi-Masella,
Prefett tas-Sagra Konsagrazzjoni tar-Riti,

A. Tripepi Segretarju.

MELITEN.

Revmus. Dnus. Petrus Pace Archiepiscopus Episcopus Melitensis, Cleri populique Dioeceseos sibi commissae votis satisfacturus, Sanctissimum Dnum. Nostrum Leonem Papam XIII enixis iteratisque precibus exoravit ut Festum Sancti Publii, quem uti Concivem Compatronum et Primum Episcopum et Martyrem Melitensis Insulae incolae permagna religione ac pietate prosequuntur, a ritu duplici secundae classis ad duplicem primae classis pro universa Sua Dioecesi elevare dignaretur.

Sanctitas porro Sua, referente me infrascripto Sacrae Rituum Congregationis Praefecto, hisce precibus ac votis clementer deferens, enunciatum Festum S. Publii Episcopi et Martyris pro Civitate ac Diocesi Melitensi a ritu duplici secundae classis ad duplicem primae Classis absque octava evehere dignata est: servatis Rubricis, contrariis non obstantibus quibuscumque.

Die 13 Januarii 1896.

F. CAJ. CARD. ALOISI-MASELLA, S.R.C. *Præf.*

L. † S. A. TRIPEPI, *Secretarius.*

*Id-Digriet bil-Latin li għolla l-Festa ta' San Publju għal stat ta' 'Prima Klassi'*




**Discover how an HSBC Advance relationship can help turn your dreams into reality.**

When you bank with HSBC, it's not just about today. We also like to help you prepare for tomorrow. Whatever's next on your horizon, we want to help you protect what's important to you, leaving you more time to focus on your work and family. With our team of financial advisers, annual reviews and a range of online tools, you could start to build the future you want.

And with our HSBC Advance bank account you get special benefits and services, including preferential rates and benefits that can help you achieve your goals.

**To start your HSBC advance relationship, call 2148 9101, visit your nearest branch, or click www.hsbc.com.mt/advance**

HSBC**Advance**

HSBC
The world's local bank

Terms and conditions apply. Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Archbishop Street, Valletta VLT1444. HSBC Bank Malta p.l.c. is licensed by the MFSA to conduct investment services business and is enrolled as a tied insurance intermediary for HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.